**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta’ Gunju 2025**

Rikors Numru: 161/2025 AL

AB

Vs

CD u b’digriet tat-3 ta’ Gunju 2025 il-kunjom ġie korrett ghal B.

(M.R. Numru 225/1985)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra ta' Marzu tas-sena elf disa mija u hamsa u tmenin (10.03.1985) gewwa l-Knisja ta' Santa Kristu, gewwa Hal Ghaxaq, kif jirrizulta mill-annessa kopja tac-certifikat taz-zwieg taghhom immarkat bhala **Dok. A.**

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-hamsa u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (25.07.1995), u dana permezz ta

kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Joseph Brincat, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, **Dok. B.**

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, Joel u Leah li llum huma t-tnejn magorrenni u li ghal fini u l-effetti tal-ligi qieghed jigi ddikjarat ukoll li ghandhom 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma’ xulxin u ilhom legalment separati ghall-ahhar tletin (30) sena.

Illi ma hemm l-ebda arretrati dovuti kwantu ghall-manteniment dovut lill-mara in linea ma klawsola numru tlieta (3) tal-istess kuntratt, u ma hemm l-ebda manteniment versu l-ulied in vista tal-eta` taghhom.

Illi in oltre l-esponent qieghed jiehu l-okkazjoni jesebixxi l-affidavit tieghu anness u mmarkat bhala **Dok. C.**

**Ghaldaqstant l-esponent jitlob revrentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet :

1. Illi, primarjament l-esponenti tissottolinja ismha u kunjomha fir-rikors promotur bi zball huwa indikat bhala AD, iżda dan fir-realtà ghadu ikun CBD, u dan kif jirrizulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness bhala Dok A kif ukoll mil-karta ta' l-identitä (kopja annessa u mmarkata bhala Dok B, u għalhekk titlob umilment li ssir korrezzjoni ta' l-istess at termini tal-artikolu 175 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

2. Illi, l-esponenti taqbel li l-partijiet ilhom separati minn xulxin legalment ghal ftit inqas minn tletin sena u dan in termini ta' kuntratt ta' separazzjoni iffirmat nhar il-hamsa u għoxrin ta' Lulju elf disa mija sitta u

disghin (26/07/1996), liema kien ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat.

3. Illi, l-esponenti tiddikjara li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikončiljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. IIli, I-esponenti CD nee B tixtieq li kunjomha jibqa' dak indikat fil-karta ta' l-identità (kopja annessa u mmarkata bhala Dok B) u cioe bhala B;

5. Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiči Čivili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

Ghaldaqstant l-esponenti ma topponix t-talbiet tar-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tat-3 t’April, 2025;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat illi l-intimata talbet li kunjomha jibqa` “B” kif indikat fil-karta tal-identita` tagħha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Lulju 1995;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.